# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

**12.** **21 TA' NOVEMBRU 1908.** **L-EUUEL SENA**

## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'ill Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Ħadd ma jista jissieħeb għal inkas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imseħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manchè, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Għal premjijiet jista jidħol m'hux biss min icun imsieħeb iżda min jixtri il ġurnal ucoll, basta jokgħod għal ftehim li jcun hemm avżat f'in-"Naħla".

Il manoscritti ma 'nreġġgħuhomx lura.

L-ittri għandhom jimbagħtu collha il Belt, 37, Strada S. Giovanni; fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avviżi ecc.

## FEJN NEMIGRAU?

Nistħajjel tgħiduli: "Sejjer tarġa tibda tredden fuk din l-imbierca emigrazzjoni? Ma għedtx b'iż-żejjed?

Iva sejjer narġa nicteb fukha, u għad narġa intenni il kuddiem ucoll, għaliex sa chemm il Gvern ma jitkankalx biex jaħlak xi xogħol u sa chemm in-nies għonja ta'l pajjis ma jitŭebblux li jħaddmu flushom f'xi industriji, u sa chemm il poplu ma jarax chif jagħmel biex jisbok lil frustieri ħalli jitbegħdu minn Malta, l-emigrazzjoni tibka l-aħjar rimedju biex ittaffi il għacs li pajjisna ŭaka fih.

B'ħobża ŭaħda ma jistgħux jixbgħu sitta minn nies; jecc jaksmuha bejniethom ma jixba ħadd; jibkgħu jninu jninu irkiek irkiek sa jippassulaŭ rŭieħhom b'il ġuħ. Mela, sa chemm ma jinħolokx ħobż ieħor, aħjar dic il ħobża tibka għal ŭieħed jeŭ għal tnejn biss u l-oħrajn imiddu għonkhom biex imorru jsibu il ħobż band'oħra.

Sgur li takbżu tgħiduli: "U fejn tridna immorru? għal bieb Alla?"

Ŭieħed malti ta' kalb tajba, il Patri Indrì Azzopardi ta' Ta Giesu ta'l Imdina, ragel li siefer u baħħar ħafna u li għalecc il fehma tiegħu tisŭa ŭisk, chitibli articolu sabieħ ferm li jiena sejjer ingib b'il kalb collha, għaliex naħseb li

jcun ta' xi gid; u nixtiek li nies oħra li jixtieku il gid ta' ħuthom il Maltin jagħmlu bħal Patri Azzopardi billi jifthulhom għajnejhom x'għandhom jagħmlu f'dana il ùakt tant icreh lì għaddej minn fuk il pajjis.

San Paùl Missierna, kal: li min ma jħobbx il pajżani tiegħu hu agħar minn infidil. Għalecc jiena tħajjart nitkankal biex nara jecc nistax nagħmel xi gid.

Il qùestjoni ta'l emigrazzjoni, għal Maltin, hi ta' ħtieġa cbira ùisk. Il Maltin jildu b'cotra li tgħaġġeb u għalecc pajjishom ma hux cbir biż-żejjed biex jesaħħom. Il Maltin għandhom rashom tlaħħak ùisk, u għalecc jistgħu jsibu il ħobż cullimchien.

Jiena sejjer nitħaddet biss minn nies ta'r-raba ù nifhem, scond ma ġarrabt għal ħafna snin, li Cipru għalihom tcun l-art ta' cull risk.

U dana kiegħed ingħidu m'hux għa'x ħlaktu minn żniedi iżda għa'x bnejt il fehma tiegħi fuk daùna ir-raġunijiet:—

1. Cipru hi gżira bħal Malta, u bħala kiegħda f'il Baħar Mediterran. Il Malti hu kalbu marbuta ùisk ma, pajjisu u jbati biex imur f'il bogħod ħafna bħal ma huma l-America, il Canada u l-Aùstralja. Meta jcun ħalla ùarajh il mara u it-tfal irekk li jmur f'pajjis fejn biex jarġa jigi jarahom irid xahar safar u ħafna spejjes cbar. Cipru hi art f'il krib, fejn il Maltin huma gejjin u sejrin u għalecc icun jista jieħu sicùit l-aħbarijiet ta' Malta u ta'l familja, u jecc il pajjis ma jogħġbux jeù l'arja ma tùietiehx icun jista, bi spiża żgħira, jarġa jigi Malta. Għal Cipru ħaùn seù seù jumejn safar u ta'l gùerra jpoġġu hemm spiss.

2. F'Cipru il Maltin isibu ruħhom taħt bandiera ingliża u għalecc bħala sudditi ingliżi isibu dic il għajnuna collha li jixrak icollhom; taħt bandiera oħra il maltin jiġu mùarrba dejjem f'il genb għaliex in-nazzjon l-oħra dejjem tressak u timbotta il kuddiem l'is-sudditi tagħha. F'Cipru min jaf chelmtejn bl-ingliż jisùeùlu ħafna.

3. L-arja ta' Cipru hi m'il l-aħjar, u jiena li kgħadt hemm għal tliet snin sħaħ sibt ruħi tajjeb ferm u katt ma ħassejt xejn. Dari chien hemm ħafna għadajjar ta' ilma kiegħed li chienu jħassru l-ajru u jgibu ħafna mard; iżda daùna illum tnaħħeù collha, u ħaùùlu ħafna siġar li jssaffu l-arja m'ir-rùejjaħ ħżiena. Fl-1878 chienu marru xi maltin biex igħixu hemm iżda id-deni li chien jigi m'il l-agħdajjar li semmejt, ħachimhom seùùa u chellhom jerġgħu l-ura. Dana illum inkered għal collox u id-deni f'Cipru ma jinhassx actar minn f'pajjisi oħra. Cull tant f'il pajjis ta' Famagosta biss għadu jinstama xi cas ta' malarja; iżda ma' Cipru collu mchien iżjed.

Ftit snin ilu fl-Egittu sar ħafna cliem u inchitbu f'il ġurnali ħafna articoli fuk liema pajjis chellhom jagħżlu l-Egizzjani biex imorru jkattgħu fih is-sajf biex itaffu is-sħana cbira li taħchem hemm. Il pajjisi li is-semmeù ħafna chienu il Libanu, Rodi u Cipru. Dana juri b'ic-ċar li Cipru għandu fama tajba għal dic li hi arja, għaliex chiecu il gazzetti ta'l Egittu ma chienux isemmuh bħala ùieħed m'il pajjisi fejn sata ùieħed imur ikatta is-sajf, li hi l-istaġun meta actar jaħchem id-deni.

4. In-nies li jgħammru f'Cipru huma il biċċa li cbira grieghi, u daùna ma jaħmlux lil l-Ingliżi u l-Ingliżi għalecc ma tantx jieħdu pjacir li jcollhom b'sudditi tagħhom li daùna il grieghi. Għalecc chiecu f'il pajjis imorru igħammru il Maltin, li huma sudditi ta'l Inghilterra, l-Ingliżi ta' hemm actar jakblilhom li jgħejnuhom u li jakbżu għalihom; u jecc ma jagħmluhx għa'x iħobbuna jagħmluh għa'x hu għal l-aħjar tagħhom. Il Commissjunarju Ingliż ta Larnaca, Mr. Cobham, kalu lili stess li jixtieku li jaraù ħafna Maltin f'Cipru; u il Ministru Chamberlain chien stieden colonja lhudija biex tmur tgħammar hemm. Issa jecc l-Ingliżi xtaku li il lhud imorru jgħammru f'Cipru, naħseb li actar jogħġobhom li jcollhom igħammru hemm il Maltin li huma sudditi ingliżi.

5. Meta Cipru chien fl'antic taħt il Venezjani l-art chienet maħduma u chienet trodd ħafna gid; ùara, billi ma chienx hemm nies b'iż-żejjed, dana ir-raba telkuh u illum ma hux maħdum; iżda jecc jarġa jinħadem seùùa, ùara dana is-serħan collu, għandu jati gid cbir tasseù.

6. Ma dana inżidu li ir-raba ta' hemm hu għammiel minn kaddisu. Il bidùi hemm ma għandux x'jagħmel ħaġ'oħra ħlief jaħrat darba ùara l-eùùel xita, jiżra u ùara jaħsad; u b'dana il ftit xogħol iż-żara dejjem jati b'il cotra. X'ma jatix dana ir-raba taħt il ħidma għaklija ta'l bidùi malti.

7. Taħt it-Toroc Cipru ftit ħùejjeġ chienet tati: ħarrub u imbit. l-iżjed u li huma msemmija ma'd-dinja collha. Iżda il-lum il cummerċ ta' Cipru chiber ħafna u żeùġ bastimenti f'il gimgħa jġorru frott, ġobon, bhejjem u tgħam għal l-Egittu. U jecc il pajjis, li hu cbir ħafna għa'n-nies li fih, icun maħdum tajjeb jati ùisk iżjed u ħùejjeġ aħjar.

8. Milli setgħu jgħarrfuni f'Cipru stess il Gvern Ingliż jati artijiet taħt daùna il condizzjonijiet:—

1. L-art ma titkabbelx iżda jatiha għal collox u għal dejjem.

2. Il bidùi sa għaxar snin ma jati xejn lil Gvern.

3. Ùara għaxar snin il Gvern jibda biex jieħu il għaxra ùaħda milli jgibu il frott jeù l-uċuħ ta'l annata. Jecc is-sena tmur ħażina tmur għa't-tnejn, u m'hux għal bidùi biss.

Daùna huma condizzjonijiet tajbin ħafna u li bihom il bidùi jista jistagħna bla ma jmur minn taħt katt. Jista jieħu raba chemm irid, tiegħu ma jħallas xejn, jaħdmu, jecc ùara għaxar snin jinfed jati lokma lil Gvern, jecc ma tantx jinfed ma jatieh kisu xejn.

9. Minn Famagosta għal Nicosija, li hi il capitali, hemm ġa il ferrovija u dal ùakt tcun lesta il ferrovija minn Nicosija għal Larnaca. Daùna il ferroviji jagħmlu bħal trianglu ma'l Gżira collha u jatu f'zeùġ portijiet. B'dan il bidùi jcun jista jġorr għal portijiet il frottijiet bi ftit tbatija billi il vapur-ta'l-art jakdic aħjar m'il carrettuni jeù m'il bhejjem.

Daùna ir-raġunijiet meħudin flimchien igegħluni naħseb illi chiecu xi Maltin imorru hemm biex jaħdmu ma jagħmlu xejn ħażin. Biss biex il ħaġa tinfed seùùa il bdieùa tagħna ma jridux imorru ùieħed ùieħed u idhom f'idhom. Le għaliex billi ir-raba li hemm ilu ħafna snin ma jinħadem iridu jgħaddu għallinkas tliet snin biex jibdgħu jaraù xi gid; u għalecc hemm bżonn ta'l colonizzazzjoni u m'hux ta'l emigrazzjoni, igifieri li jingħakdu ħafna bdieùa maltin, joħorġu chemxa flus cull ùieħed u jmorru hemm taħt cap li jaf imixxihom. Għal sentejn jaħtieġ li jgħixu minn geùùa, ma't-tielet sena jibdgħu jaksmu il kligħ ta' ħidma tagħhom.

Hemm bżonn li ùieħed kabel jitkankal li jitlob lil Gvern tagħna biex jicteb lil Gvern ta' Cipru u jara x'inhi il fehma tiegħu fuk dina il maùra hemm ta'l bdieùa maltin. Jecc il Gvern ta'hemm, chif nitma, togħġbu il biċċa, jinħtieġ l-issir soċjetà u li jintgħażel ùieħed seùùa u li jifhem biex imixxiha.

Dina il maùra ta'l bdieùa f'Cipru, scond il fehma dgħajjfa tiegħi, hi ùaħda m'ir-rimedji tajbin biex intaffu il għacs li ùaka f'pajjisna.

Kabel nispiċċa irrid inżid ħaġ'oħra li turicom b'ic-ċar li jiena kiegħed nitħaddet magħcom seùùa. F'iż-żmien li Cipru chien taħt il ħacma ta'l Venezjani f'd'il Ġzira chienu jgħam-

mru ma't-tliet miljuni u nofs nies u l-actar bniedem f'kir li chien hemm chien jiecol bl-imgharfa ta'l fidda, u dana ir-risk collu chien jigi m'il biedja billi ilma hemm chemm trid għax jinsab malli tħaffer nofs kasba jeŭ kasba fond. Illum Cipru ma tagħmilx ħlief 210,000 ruħ. Dana juri b'iĉ-ĉar li il pajjis jiflaħ ħafna nies oħra, u li jecc jinħadem tajjeb għandu jati ħafna gid."

Haŭn jispiċċa l-articolu sabieħ ta'l Patri Azzopardi, u nixtiek ħafna li dana jinkara minn ħafna bdieŭa biex forsi jisŭielhom xi ħaġa u li jitchellmu fuku xi ġurnalisti b'it-taljan u bl-ingliż ħalli il ħaġa tigi f'ŭidnejn il Gvern u ħalli dana forsi jitħajjar jagħmel xi ħaġa għal ġid.



# TEATRI

Ŭara li għedt, fi ftit cliem, x'inhu il fatt ta'l WALLY, irrid ingħid chelmtejn oħra fuk l-aŭtur u fuk fejn saret l-eŭŭel darba l-opra, kabel ma nitħaddet m'il l-artisti li għamluha f'ir-RJAL tagħna.

Il Catalani tŭieled f'Lucca, f'is-19 ta' Ġunju 1854 u miet f'Milan fl-1893, b'il mard ta's-sider. Missieru u ommu riedu isir avucat jeŭ inginjier, iżda hu tgħallem taħt is-Surmast Magi dic il musica li tagħha chellu jsir ŭieħed m'il l-akŭa imgħallmin. L-eŭŭel biċċa xogħol li tatu isem chienet kuddiesa solenni li saret f'il Catidral ta' Lucca.

Mar f Parigi u compla studja f'il Conservatorju; minn hemm mar f'il Conservatorju ta' Milan taħt Bazzini fejn chiteb l-eŭŭel opra: LA FALCE. Ŭara laħak Surmast f'dana il Conservatorju f'loc Bazzini fejn baka sa miet. Chiteb ucoll: ELDA (1880); DEJANICE (1883); EDMEA (1886); LORELEY (1890) u il WALLY li saret l-eŭŭel darba f'it-Teatru "La Scala" ta' Milan f'il-20 ta' Jannar 1892. Il Catalani kabel miet chellu opra oħra maħsuba, u jaksmu il kalb l-aħħar chelmiet li kal kabel ruħu ħarġet minn gismu: "Ah, x'ŭeġġħa ta' kalb li jcolloc opra sħieħa maħsuba collha f'moħħoc, u ma tistax tictibha."

Ingħaddi issa biex ingħid, fi ftit cliem, chif irnexxiet l-opra f'it-Teatru Rjal tagħna.

Il musica ta' dina l-opra saħħret lil cullħadd, għaliex hi ħelŭa u sabieħa ŭisk, u imbagħad bl-orchestra chif inhi maħcuma m'is-Surmast CAV. AUGUSTO POGGI tinstama ħafna aħjar.

Il Primadonna li tagħmel il parti ta' *Wally* hi is-Sinjurina ADELE BOTTI, li cantat tajjeb u b'sengħa cbira; il parti ta' *Afra* għamlitha il *mezzo-sopran* TOMEZZOLI, li chif igħidu għandha leħen sabiħ ŭisk għad li f'din l-opra għandha biċċa żgħira ŭisk li biha ŭieħed ma jistax jaf x'tiżen seŭŭa. Il parti ta *Hagenbach* jagħmilha it-tenur MORANDO li jaf icanta tajjeb ħafna, u il parti ta' *Gellner* jagħmilha il baritonu COSTANTINI li hu l-aħjar artista li jeħu sehem f'dina l-opra. Dana l-artista ma indumux ma naraŭħ f'ir-*Rigoletto* u hemm incunu nafu aħjar x'jisŭa. SPANGHER jagħmel il parti ta' *Stromminger* tajjeb ucoll, u takla il parti tagħha is-sinjurina FABBRI bħala *Walter*; u ROVERI nafuh b'iż-żejjed bħala artista m'il l-aħjar.

Fi ftit cliem dina l-opra nistgħu ngħejdu li actarx irnexxiet u ix-xeni sbieħ tagħha intgħoġbu ŭisk. Is-Sur Piu Arpa għamel chemm sata d'is-sena biex jati opri sbieħ u biex igib artisti tajba, u nitma li il pubblicu jagħmillu il kalb, m'hux dejjem igħemgħem u jippretendi li f'Malta għandu jisma lil Caruso u imbagħad it-teatru ma jmur ħadd! Cull kalb trid oħra!

***

Il ftuħ ta't TEATRU MANOEL sar b'il BOHEME ta' *Leoncavallo* li il fatt tagħha hu bejn ŭieħed u ieħor dac stess ta'l BOHEME ta' *Puccini*. Il musica hi sabieħa ŭisk u hemm ittielet att li jsaħħrec u joħorġoc barra minn sensic.

Is-Surmast Leoncavallo hu naplitan u tŭieled f'Marzu ta'l 1858. Daħal f'il Conservatorju ta' Napli ta tmien snin u ta' sittax il sena ħa id-diploma ta'Surmast. Is-surmast tiegħu chien l-imsemmi Serrao. Studja il-letteratura fl-Università ta' Bolonja taħt Carducci u ta' għoxrin sena ħa id-diploma ta' Avucat. Chiteb I MEDICI u I PAGLIACCI. Il librett ta' dina l-opra chitbu hu stess fuk fatt li ġara tasseŭ f'il Calabrija u li chien miġjub kuddiem missierhu meta chien imħallef f'Cosenza. Chiteb ucoll, ta' 20 sena, TOMMASO CHATTERTON li saret fl-1896. Iżda l-opra li tatu fama ma'd-dinja collha chienet il PAGLIACCI, li saret f'Malta l-eŭŭel darba fl-istaġun 1893-94 meta chien Impresarju Malfiggiani il missier u li fiha chien canta it-Tenur Gambarell. Ŭara Leoncavallo chiteb il BOHEME u iż-ŻAZA' li it-tnejn irnexxeŭlu ferm. Iż-ŻAZA' saret l-eŭŭel darba f'il-Liricu ta' Milan f'il 10 ta' Novembru 1900. Dan l-aħħar chiteb ir-ROLANDO li saret l-eŭuel darba f'Berlin f'it-13 ta' Dicembru 1904 b'it-tedesc.

Il BOHEME f'il MANOEL saret m'il famus baritonu LA PUMA illi ismu biss hu biż-żejjed biex jicseb cull tifħir. Artista bħal dan ftit għadna rajna f'Malta u riedet tcun l-id miftuħa ta's-sur Gollcher u ta's-Sur S. Zammit biex issemmagħna artista bħal dan,li hu imżejjen m'hux biss b'leħen li jsaħħar iżda ucoll bi scola cbira ta' cant u billi jaf "ikaxxar" il parti.

F'din l-opra jieħdu sehem ucoll żeŭġ primidonni: LEONIA OGRODSKA li tagħmel il parti ta *Musetta* u WANDA POLI li tagħmel il parti ta' *Mimì*. It-tnejn ħakkhom cull tifħir għaliex jagħmlu tajjeb il parti tagħhom u it-tnejn għandhom leħen sabieħ u jafu jakilgħu il parti m'il l-aħjar. It-tenur MANGUZZI ma tantx kala tajjeb il parti iżda forsi staħa jeŭ ma chienx jaf b'iż-żejjed x'chellu jgħid. It TEATRU MANOELdina iṣ-sena hu armat b'Cumpannija tajba ferm, u l-actar issa li geŭ tenur tajjeb, CARLINI u baxx tajjeb CASSIA. Is-Sur Gollcher u is-Sur Zammit ħakkhom cull tifħir talli għoġobhom jonfku, bla leħħa, tant flus biex igegħluna ingaŭdu ħafna opri sbieħ u bi prezz hecc irħis. Il mobbli, ix-xeni collox hu m'il l-isbaħ u miġjub apposta minn Milan u fuk collox hemm orchestra tajba taħt surmast tajjeb DE CRISTOFARO, li min imur lejla sgur jarġa għa'x jieħu pjacir.

★

F'it-Teatrin "Calypso" ta' Għaŭdex, daŭn il granet irrecitat il Cumpannija ta'l Belt Valletta "La Speranza." Iddilettanti ta'dina is-Soċjetà irrappresentaŭ "Iż-Żeŭġ Surgenti" u "Il Conti ta 'S. Germanu' tajjeb ŭisk. Huma ta min ifaħħarhom is-Sur Argento u is-Sur Mercieca u is-Sinjurini Fasanelli, Bonello u De Sani. Ic-dilettanti l-oħra irrecitaŭ tajjeb ucoll u cull ħadd ħa gost bihom għaliex huma filodrammatici m'il l-aħjar.

Nhar il Ħadd li gej f'iż-żeuġ Teatri Rjal u Manoel sejjer isir *Matinè* igifieri rappresentazjoni fl-4 ta' ŭara nofs inhar. Daŭna iż-żeuġ reciti cmieni huma ta' cumdità cbira għal daŭc collha li jridu jgħaddu il baħar b'il-lejl.

F'it-Teatru Rjal sejjra issir l-opra sabieħa ta' G. Bizet "I Pescatori di Perle" u min imur barra milli jitgħaxxak b'il musica tant ħelŭa ta' dina l-opra, jitgħaxxak ucoll b'il cant ta'l primadonna, is-Sinjurina Giuseppina Ravaglia li hi ŭaħda m'il l-aħjar artisti m'hux biss li għandna dina is-sena iżda milli smajna ucoll f'is-snin l-imgħoddija. Dina il primadonna għad nisimgħu, ma ndumux, li cantat f'teatri m'il l-akŭa ta' Barra.

Min imur il Manoel jieħu pjacir m'il banda l-oħra, għaliex m'hux biss jara opra m'il isbaħ, l-Andrea Chenier ta' Giordano, iżda ucoll jisma artista famus li għandu fama ma'd-dinja collha u li canta fl-aħjar teatri, il Baritonu La Puma.

Mela min minncom iħobb il musica sabieħa u jixtiek jisma artisti gŭappi li ma nafx meta nerġgħu nisimgħuhom f'Malta, iħassel xi tnejn minn daŭna ir-reciti li sejrin isiru bi prezzijiet popolari ħalli għallinkas icun jista jgħid li darba sama żeuġ artisti tajbin: lil cbir baritonu La Puma u lil l-intelligenti Sinjurina Ravaglia li fukhom it-tnejn għad nitħaddet iżjed f'it-tul chif jixirkilhom.

Mela nhar il Ħadd ŭara nofs inhar jeŭ ir-Rjal jeŭ il Manoel.

# Il Mistoksija oħt il Għerf

**Lil Antonio Farrugia.** (Rabat).

Xtakt taf in-nisel ta'l larinġ ta'd-demm f'Malta u ix-xeŭka tiegħec hi ta' min ifaħħarha ħafna. Jiena biex incun nista nakdic aħjar tlabt lill ħabib tiegħi, il bravu naturalista Ġanni Borġ, li hu id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici, u dana bagħatli dina ir-risposta sabieħa tasseŭ u li jiena sejjer ingib b'il kalb collha. Għal dac li hu ŭiegib fuk storja naturali u biedja ŭiegħduni ucoll li għandhom iŭiegbu il Prof: F. Debono ta'l Università, u il Contin Alf: Caruana Gatto L. L. D. u it-Tabib Gulia ma jdumx ma jictibli xi ħaġa fuk l-annimali u il ħxejjex zgħar li haŭn f'Malta. Nies bħal daŭn merħba bihom għaliex il chitba tagħhom tagħmel unur l'in-"Naħla" u gid lil poplu.

"Larinġ tad-demm għandna żeuġ xorta;—larinġ ċatt tad-demm, u larinġ tŭil tad-demm. Il larinġ ċatt tad-demm ilhom jafu bih ma'l mitejn sena. Risso fil ctieb tiegħu, stampat xi mija u ħamsin sena ilu, jiddescrivieh tajjeb u semmieh *Citrus aurantium melitense,* u jati ucoll figura colorita tiegħu li hi tasseŭ tajba ŭisk.

Ħadd ma jaf seŭŭa chif bdiet jeŭ tnisslet din ix-xorta ta larinġ ċatt tad-demm.

Dac il għajdud ta xi uħud li dan il larinġ hu imnissel mil larinġ ordinarju imdaccar mir-rummien, huma collha ħmerijiet. Ma tistax tintgħata tilkima jeŭ dacra bejn il larinġa u ir-rummiena, għaliex daŭn iż-żeuġ siġriet ma humiex ta kabil uieħed u ma għandhom x'jaksmu xejn flimchien.

Jifmu xi uħud li il larinġ ċatt tad-demm gej mil imgieba tat-trab ħamri tagħna fuk daŭn is-sigiar li ilhom jicbru haŭn Malta. Il larinġ ċatt tad-demm fieh ħafna zerrigħa, u dan juri li hu nebbiet tal larinġ ordinarju,—siġra nebbieta li ħarġet tagħmel il frott tagħha imnakkax b'id-demm. Hecc ucoll il *Passiflora edulis* (ŭarda ta'l passioni) li tagħmel frott jittiechel, għandha il polpa ta'l frott safranija; iżda meta titnissel minn zerrigħa tal frott li sar haŭn Malta, xi uħud m'ix-xtieli joħorġu jagħmlu frott bil polpa leŭn id-demm:—għad li f'pajjisha, l'America t'isfel, il polpa ta dan il frott hija deijem safranija. Oħrajn jaħsbu li il larinġ ċatt tad-demm gej min nisel il larinġ ordinarju, imdaccar biż-żahar tal larinġ aħmar,—Citrus hierocunthicum. Dan il larinġ hua ftit tauuali, u il polpa u il flieli collha huma leŭn id-demm ta'l bakra, mingħajr l-ebda culur isfar. It-togħma ta'l flieli tati fl'imrar seŭŭa, u iż-żerrigħa hija ċatta u jebsa. Iżda is-sigra tal larinġ aħmar ma tixbaħ xejn lis-siġra tal larinġ ċatt tad-demm; u ma naħsbux li dan il larinġ aħmar chien katt jesisti f'Malta. Fil Giappun għandhom il larinġa *Satsuma,* li tixbaħ xi ftit il larinġ ċatt tad-demm, u hija ħamra minn ġeŭŭa u minn barra. Iżda ma jistax icun li din il larinġa Satsuma chella xi seħem fit-tnissil tal larinġa tagħna, għaliex ma ilhomx żmien tŭil jafu biha fl'Europa.

Il larinġ tŭil tad-demm tnissel f'Malta xi *sittin* sena ilu. Siġra tal larinġ tat-tŭil,—li aħna ngħeidulu ta *Purtugall,*—fi ġnien f'Ħal Balzan ħarġet fergħa li chienet tagħmel *larinġ tŭil tad.demm.* Dana intgħożob minn cullħadd, u il genniena bdeŭ ilakkmu minn din il fergħa; u b'hecc tnissel il larinġ tŭil tad-demm li għandna Malta. Minn hecc jigi li il larinġ tŭil tad-demm jiddaŭŭar ma jibda jidher fih id-demm.—għaliex ma hux imnissel minn żerrgħa bħal ma actarx hu ic-ċatt tad-demm iżda imnissel minn *scherz* jeu *sport* ta fergħa minn siġra tal larinġ tŭil ta *Purtugall.*

**Liema hi l-actar belt għanja ta'd-dinja?** G. M. (Il Belt).

Il *London County Council* ħareġ il ctieb li cull sena jgħarraf x'gid daħal u ħareġ f'dina il cbira capitali ta'l Imperu Ingliż. Minn dan nieħdu li fiha 611,786 dar u li ittorok tagħha flimchien huma tŭal 2,134 mil. Ġo'l belt igħixu 4,795,789 nies u xi tliet miljuni oħra f'id-distretti ta' madŭarha. L-ichel ta' dina il belt, ilestuh 65,000 ruħ cull jum. F'Londra jintefku 10,063,643 lira biex igħinu il fkar li hemm. Fl-1907 ittieclu 419,037 tunellata laħam, inkatlu 58,735 rjus ta' bhejjem u 375,950 bejn ħrief u muntuni; ħut ittiechel ma'l 174,332 tunullata u inxtorbu ma'l 80,826,330 gallun ħalib. Il bini ta'dina il belt hu assicurat b'1,040,057,486 lira sterlina.

Hemm 124 mil *tramway* u xi mitt mil kiegħdin jitlesteŭ. Hemm 3,762 omnibus, 53 teatru, 49 music halls, 261 sŭali ta'l cuncert u 11 il mużeŭ.

**Lil R. G.** (Il Belt).

Fuk dac li staksejtni fuk il genna ta' l-art ma hu minnu xejn.

**Lil G. Darmanin.** (L-Isla).

Il Cronologija ta' Malta għad incompliha f'numri oħra iżda iż-żeuġ processi li gibt ħadu ħafna ŭisa.

L-ismijiet li jonksu ta'l imgħallkin f'il lista ma nafhomx. Malli insibhom inżidhom u inżid ucoll fukhiex geŭ imgħallkin.

Għal mistoksija tiegħec fuk l-eżami ta'd-Dumnicani ŭiegibni il bravu patri Gundisalv Camilleri u din hi ir-risposta tiegħu: Grammatica, sintassi, traduzzjoni u analisi grammaticali u logica b'it-taljan u b'il latin. Għal issa ma jafux meta seŭŭa jsir l-eŭŭel eżami ta'd-dħul. Malli jcun hemm xi ħaġa m'il gdid għandu jgħarrafna.

**Lil Leonardo Ellul.** (Hal Chircop).

Il lista ta'l Cappillani li tlabt issibha f'il ctieb ta's-Sur Ferris: "*Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo.*"

**Lil Ercole Valenzia.** (Bormla).

Scond ma jifhmu il għorrief in-nies ta'l America tnisslu minn xi nies li għaddeŭ l-Istrett ta' Behring. In-nisel ta'l bniedem beda minn naħħa ta'l Indja u minn hemm bdeŭ jixxerdu in-nies. Bejn l-Asja u l-America, fl-Istrett li semmejna, ma hemmx bogħod cbir.

**Lil C. Barbara.** (Il Birgu.)

Għal dac li staksejtni ħadd ma għaraf jinformani fejn jokgħod.

**Lil P. L. Edŭardu Asciak Mifsud.**

Il mistoksija tiegħec hi sabieħa u meħtieġa tasseŭ. Jiena tlabt lil ŭieħed tabib brâvu biex jirrispondiha u malli jibgħatli ir-risposta nistampahielec.

**Lil A. Mercieca.** (Mosta).

Tixtiek taf liema hu l-isbaħ loc f'Malta. M'hux cullħadd jaħsibha xorta ŭaħda. Jiena għalija hu San Giljan jeŭ Ħal Għargħur.

**Lil Ant. Ciappara.** (L-Imdina).

Iva is-snin ta'l antichi chienu tŭal daks is-snin tagħna u għalecc meta ingħidu li xi nies għixu fuk id-900 sena għandna nifhmu li għixuhom tasseŭ. Għala in-nies ta'l-lum ma jgħixux daks hecc ma nistax ingħidulec seŭŭa, iżda il vizzji, ittaħbit biex ŭieħed jakla il buccun li jiecol, u l-egħluk fl-ibliet ikassru il ħajja sgur.

**Lil Patri Eŭsebiu Cali Capuccin.**

Għandec raġun ħafna għal dac li ctibtli u bi ħsiebi nagħmel dac li tixtiek int, iżda billi ftit ħuma daŭc li jixtieku jitgħallmu jictbu b'il malti ma ridtx ingib spiss tagħlim fuk l-ortografija. Iżda is-sur Vassall u is-Sur Tagliaferro ŭiegħduni li għandhom jieħdu ħsieb ta' dina il ħaġa huma u b'hecc takta xeŭktec. Nifraħlec fl-istess ħin talli għamluc Gŭardjan ta'l Cunvent ta'l Birgu, ŭaħda għa'x ħabib u ittieni għa'x chien ħakkec.

**Lil A. V.** (Bormla).

Il Madonna, sa fejn naf jien, ma chellha l-ebda cunjom għaliex fl-antic in-nies ma chienux igibu il cunjom bħal-lum iżda chienu igibu l-isem ta'l pajjis fejn tŭieldu jeŭ l-isem ta' missierhom u dana għadu jsir f'xi pajjisi sa'l-lum.

Chienet tcun ħaġa sabieħa ħafna, chif għidt int, chiecu il Litanija ta'l Madonna f'loc b'il-latin igħiduha b'il malti biex jinhem cullħadd x'inhu jgħid u biex ma jgħidux il ħmerijiet li jdaħħcuc li tisma cull tant. Iżda il Cnisja għanda il lingŭa tagħha —il-latin— u dina hi ħaġa li tista tindaħal fiha l-aŭtorità ta'l Cnisja biss.

**Lil V. P.** (Floriana).

Għal dac li staksejtni fuk l-istampa libera u fuk l-ingurji jiena għad nirrispondic f'it-tul malli jcolli iż-żmien u il ŭisa.

**Lil S. D.** (Hal Axak).

Għal dac li staksejtni fuk it-tifel ma irrispondejticx malajr ħalli ma tbagħbas xejn int, iżdà tchellem it-tabib. Biex infehmec seŭŭa irrid nicteb f'it-tul u meta nagħmlu ma jisŭielec xejn għaliex ma hix ħaġa ta'idejc.

**Lil Ugo Abela Hyzler.** (Egittu).

L-aħjar storja ta' Malta li għandna b'it-taljan hi dic ta'l Professur Vassallo u li tinbieh għand l-Editur Muscat xi tmien xelini. B'il malti ta' Castagna timxi ucoll iżda ma nithimx li issib minnha għal bejħ. Bl-ingliż hemm ŭaħda tajba, dic ta's-Sur Vicens Busuttil, iżda tiġbed f'il kasir ŭisk, u f'il kasir ucoll tiġbed dic ta'l Imħallef Debono, b'it-taljan, u li chien kaleb għal malti is-Sur Muscat-Azzopardi. Jecc trid takra ftif storja serja, akra dac li chiteb Manuel Caruana f'il ctieb tant imfaħħar tiegħu "Sull'Origine della Lingua Maltese" u li jinbieh għand Muscat ucoll. Jecc trid takra ctieb sabieħ fuk Malta ixtri is-"Sovranità Inglese in Malta" ta'l għaref Monsinjur Mifsud u ma jibdielicx. Dizzjunarju tajjeb m'it-taljan għal malti u m'il malti għat-taljan hemm dac ta' Falzon li jinbieh għand Muscat. M'il l-ingliż għal malti u m'il malti għal l-ingliż hemm daŭc ta's-Sur Busuttil u li chienu stampaŭhom il ŭieħed Aquilina ta' Strada Rjali u l-ieħor Cortis ta' fejn il Cnisja ta'l Grieghi. M'il l-ingliż għal malti kiegħed joħroġ ŭieħed il Gvern m'il l-Istamperija tiegħu u li chif jingħad hu xogħol ta'l Professur Magro, Direttur ta'l Educazjoni. M'il l-Istamperija ta'l Gvern ucoll issib tixtri mappa ta' Malta u Għaŭdex sabieħa ħafna u b'irħis.

Biex titgħallem l-Esperanto ixtri il Grammatica ta' Beaufront li tkum ħmistax il sold u li nista nibgħatlec jien stess.

**Lil Salvatore Duca.** (Hal Axak).

Ma jidhirlix li il Pulizija hi obbligata timlielec il formola ta'l permess; jecc ma tafx timliha int, kabbad, spejjes tiegħec, min jagħmlu; iżda il Pulizija hi obbligata tfehmec lil min għandec tippresenta il permess. Jecc ma ŭiegibticx malajr la tieħux fastidju għaliex għandi kuddiemi xi tliet mitt mistoksija oħra x'inŭiegeb, u ma dan irrid nicteb, niccorriegi u namministra il ġurnal u ma dan irrid inlaħħak ma'x-xogħol ta'l Korti ucoll. B'il pacenzja nakdi il cullħadd.

**Lil Ant. Abela.**

Jecc ma narax it-trab li semmejtli ma nistax inŭieġbec seŭŭa, iżda milli nista nifhem actarx hu coċcinilja.

**Lil G. G.** (Floriana).

Il Fanfani hu vocabolarju tajjeb ħafna, iżda illum hemm ŭieħed li scond il fehma ta' ħafna hu aħjar, u dana hu il Petrocchi u li ħareġ l-Editur Treves. Dana jkum xi lira, iżda tista tissieħeb fih b'il faxxicoli ucoll (ħames soldi il ŭieħed) għand l-Agent ta' Treves f'Malta li hu is-Sur Tua ta' ħdejn il Għajn ta'l Korti. Jecc imbagħad trid xi ħaġa gŭappa hemm it-Tommaseo e Bellini li jkum erbatax il lira sterlina u fih tmien volumi cbar illegati. Da'l granet giet copja seconda man f'idejja; jecc titħajjar għaliha chellimni għa'x tieħodha b'irħis ferm.

✶

Nirringrazzja b'il kalb collha l'is-Sur Fons Galea, il ħabriechi Direttur ta'l "Mogħdija ta'ż-Żmien," ta'l ctieb sabiħ b'it-taljan li għoġbu jibgħatli "La Tabacchiera del Cardinale," għaliex is-sur Fons m'hux biss jicteb tajjeb ħafna b'il malti iżda b'it-taljan ucoll u għandu ħafna traduzzjonijiet sbieħ m'il l-ingliż li jaf ucoll tajjeb ferm.

Nirringrazzjah ucoll m'il ctieb No: 81 ta'l Mogħdija ta'ż-Żmien "David u Stejfen" miġjub għal malti m'is-Sur Guże Muscat-Azzopardi u li hu l-eŭŭel taksima ta'l "Ħalliel it-Tajjeb." L-isem biss ta't-traduttur hu l-isbaħ tifħira li tista issir lil dana il ctieb li jinbieħ tliet soldi fl-Uffiċcju ta'n-"Naħla."

Nirringrazzja ucoll lil Mons. Prof. Luigi Farrugia D.D. ta'l ctieb b'iscrizzjonijiet latini li għamel biex ippresentahom lil Papa, u li għalihom kala it-tifħir ta' cullħadd, għaliex cullħadd jaf li Mons. Farrugia hu ŭieħed m'il l-akŭa latinisti li għandna.

✶



# Aħbarijiet ta' Barra

IL VAPUR TA' L-ART TA' L MILJUNARJI li hu l-isbaħ ŭiehed u l-iżjed ŭiehed li jigri fl-America) collha, x'ħin chien sejjer minn New York għal Rochester, kabeż m'il ħadid u tnax m'il passiggieri li chien hemm fuku correŭ.

MIET L'IMPERATUR TA'C-CINA f'il 10 ta' dan ix-xahar u f'is-16 l-Imperatrici mietet ucoll. Il Princep Puwei, li għad għandu sentejn, gie maħtur bħala Imperatur u il Princep Chun gie magħżul bħala Reggent. Collox sar b'il qŭiet. Hareg degriet biex f'il Korti jsir vistu għal tliet snin.

KTIL TA' MALTI. Krib Bona, f'il 25 ta' Ottubru Kbeji Sghad Ben Mohammed katel lil Jean Camilleri f'il villagg ta' Mondovi billi chienu tleŭŭmu ŭara li xorbu.

UNUR LIL KASSIS MALTI. Monsinjur Gazanjol, Iskof ta' Costantina u Bona ħatar lil Mons: Nicolas Camilleri D. D. bħala Canonicu ta'l Catidral ta' Hippona. Dana is-Sacerdot m'is-Siggieŭi ilu erbgħin sena hemm Vici-Parrocu.

MEUT TA' ZEUG CARDINALI. Il Cardinal Casanas y Pages miet f'Barcellona (Spanja) u il Cardinal Mathieu f'Nancy (Franza).

ZJAJJAR TA' SLATEN LIL PAPA. L-Imperatur ta'r-Russja ma'l Cżarina, il Princep Nicol ta'l Montenegru, missier ir-Regina ta'l Italja, l-Imperatur u l-Imperatrici ta'l Germanja bi ħsiebhom jinżlu jagħmlu żjara lil Papa. Dana juri chemm hu ir-rispettat sa m'is-Slaten protestanti.

HRUK CBIR. Ic-"City Hall" ta' Dublin, belt capitali ta'l Irlanda, ħadet in-nar u saret ħsara cbira. Inħarku ħafna qŭadri prezzjusi.

HRUK F'MINJIERA. F'Radbod kabad il gass f'minjiera u intilfu 360 ruħ. Hafna nisa bcheŭ tant lil żŭiegħom li riedu jakbżu go-'n-nar li chiecu ma chienux miżmumin m'il gandarmi. Il Cżar ta' 25,000 marca għal familji ta'l mejtin.

**IL KALB TEHBER.** F'id-*Daily Express* nakraŭ dana il fatt curjus. Xbejba americana li jisimha Loganson ħolmot li kiegħdin joktlu lil ħuha Oscar li chien bogħod fuk il ħamsin mil minnha. Dina marret tfittxu ma' ħuha ieħor u ma xi pulizija u ma sabuhx. Ix-xbejba kaltilhom lil min rat joktlu f'il ħolma u marru f'id-dar tiegħu fejn sabu ktar ta' demm ŭara li chissru il bieb għa'x chien magħluk u f'id-dar ma chien hemm ħadd. Ix-xbejba ħadet lil pulizija ħdejn gallinar iccangat u kaltilhom li hemm taħt chien jinsab midfun il maktul ħuha. Daŭc ma emmnux, iżda biex jiccuntentauha ħaffru u sabu tasseŭ il gisem ta' ħuha Oscar. Bedford, dac li ix-xbejba rat f'il ħolma joktol lil Oscar, giè arrestat minnufih.

**MARIA CARMELA CARUANA**

imŭielda **CINI,** omm tajjba u li chien għad għandha blss 27 sena, marret tistrieħ fi ħdan Alla f'it-12 ta'dana ix-xahar. Nitolbu għaliha.

# AHBARIJIET TA' MALTA

Nifraħ b'kalbi collha lil l-Onorevoli Vincenz Frendo-Azzopardi, Avucat ta'l Curuna, u lil l-Imħallef u Baruni Alessandru Chappelle talli geŭ maħturin bħala Cavalieri f'il Festa ta'r-Re.

Nifraħ ucol! lil bravu Sacerdot Dun Giljan Zammit D. D. billi l-Iskof ħatru bħala Vigarju ta'l Colleggjata ta' Birchircara.

F'ix-xahar ta' Ottubru tŭieldu f'Malta 532; mietu 355 u iżżeŭŭgu 93: F'Għaŭdex tŭieldu 63, mietu 62, u iżżeŭgu 7.

Nhar it-Tlieta f'il għodu grat disgrazzja cbira fejn il Breakwater billi tlieta minn nies intilfu f'il baħar kaŭŭi li chien għaddej. Il catavru ta' Salvu Tabone sabuh, ta'-nejn l-oħra għad.

Fl-24 ta' Novembru, lejljet Santa Catarina, l-imsemmija Banda "Beland" ta' ż-Żejtun, taħt id-direzzjoni ta'l bravu Surmast F. Catania, sejjra iddok, fl-istess raħal, dana il programm sabieħ:

Marcja—L'Italja in Africa—Sardo.
Sinfonija—Pretender—Kunkin.
Fantasija—Tosca—Puccini.
Valz—Aure d'Amore—Beccucci.
Ir-Raba Att ta'l Andrea Chenier ta' Giordano.
Polka—L'Aurora—Assolis.
Innu "Beland."

God Save the King.

Il Banda "Pio X" ta Hal Lia, għada 22 ta' Novembru, festa ta' Santa Cecilia sejra iddokk ma genb il Casin ta l'istess isem, mit-3 u nofs ta ŭara nofs inhar, dan il programm:

Marcja—I Bersaglieri—Cappetti.
Sinfonija—Preziosina—Ficini.
Pezzi Scelti—La Favorita—Donizzetti.
Serenata—Idillica—Albatrocchi.
Ballo—Pierotti in Africa—Giorga.
Gavotta—Sorrisi—Beccucci.
Minuetto—Carezze—
Inno Pontificio. Dio Salvi il Re.

A. MIRUZZI, *Direttur.*

## Lil l-Imsiehbin.

Nitlob lil daŭc l-imsieħbin li għadhom ma ħallsux l-eŭŭel tliet xhur li ma jokogħdux iħabbtu l'ir-ragel li bgħat b'-ir-ricevuti biex iħallsuh, u li ma jokogħdux iżiduli spejjes għa'x il gazzetta fiha b'iż-żejjed, ħalli niblkgħu nħbieb.

Nitlob ucoll lil daŭc l-imsieħbin ta'l campanja fejn għandi ftit imsieħbin li jibagħtu il flus ta'l abbonament bolli ta't-tlieta u jiena nibagħtilhom l-ircevuta b'il posta għaliex ma jakbilx li nibgħat ragel apposta bl-ircevuti. L-imsieħbin, jecc iridu jaraŭ tgħaddi il kuddiem l'in-"Naħla," għandhom jagħmluli il kalb billi ma jħabbtunix għal ħlas.

Min jictibli fuk xi ħaga u ma inŭiegħbux malajr f'loc li jieħu fastidju għandu jieħu ftit ta'l pacenzja għaliex il gurnal fih xogħol ŭisk u ma nistax inlaħħak chif nixtiek ma cullħadd.

A. LEVANZIN.

# L-ANDREA CHENIER.

Andrea Chenier chien poeta franciż li għix fi żmien ir-Rivoluzjoni il Cbira li kallbet Franza ta' taħt fuk. Fl-eŭŭel att naraŭh mistieden f'festa li il għanja Contissa Coigny u bintha Maddalena taŭ lil ħbieb tagħhom. Chenier, f'il ħin li l-oħrajn bdeŭ jixxalaŭ u jiddieħcu, baka hiemed u kalbu ftit seŭda billi chien kiegħed jaħseb f'daŭc il ħafna imsejcnin li ma chellhomx buccun biex jitrejjku f'il ħin li fuk dic il mejda chien hemm ħala li ma bħalu biss biex isaltan il vizzju. Meta beda jitħaddet u ŭera xi ftit x'chien kiegħed iħoss f'kalbu, il mistednin, flimchien ma Maddalena, bdeŭ igħadduh b'iż-żmien. Hu beda jitħanfes u jċanfar lil Maddalena għal l-imgieba chiefra tagħha f'il ħin li jinstemgħu għaddejjin minn ŭara il bieb ħafna b'il ġuħ igħajjtu u jittalbu biċċa ħobż biex jitrejjku. Gerard, il camrier ta'l Contissa, jgħid lil mistednin li għaddejjin daŭc l-imsejcna li huma maħcumin m'il għacs u m'it-tbatija u jċanfar lil Contissa li hi kiegħda tixxala f'il ħin li f'it-triek hemm min chien kiegħed imut b'il ġuħ, Il Contissa ħassa ħażin, il festa sfrattat, Gerard giè imcheċċi il barra. Il Contissa stejknet, reġa beda iż-żfin u ix-xalar u haŭn jispiċċa l-eŭŭel att kalb il ferħ u it-tbagħrid ta'l mistednin collha.

Sa chemm naslu f'dac li ġara f'it-tieni att irridu naħsbu li għadda ħafna żmien. Il rivoluzjoni chibret u faret, il għonja collha geŭ imgħallkin, imcheċċijin u mneżżgħa m'il gid tagħhom; u m'il familja Coigny ħadd ma baka ħaj ħlief Maddalena, it-tifla ta'l Contissa, li titlob b'il ħniena lil Chenier li jakbeż għaliha billi hu chien laħak ŭieħed m'il cbarat ta'r-rivoluzjoni. Chenier jilkagħha fi ħdanu b'il kalb collha m'hux biss, iżda jinxtegħel b-imħabba l-actar cbira lejha, u Maddalena meta rat ruħha maħbuba hec kaŭŭi m'il poeta intilfet bl-imħabba għalieh ucoll. Gerard f'dana iż-żmien chien laħak ŭieħed m'il capijiet ta'r-rivoluzjoni ucoll u il franċiżi chienu jaħilfu bih u jgħożżuh daks għajnejhom. Dana meta chien camrier f'id-dar ta'l Contissa chien nissel imħabba cbira lejn Maddalena, iżda billi chien bħal seftur hemm geŭ katt ma issogra biss jarfa ŭiċċu lejha. Issa li iż-żmienijiet chienu tbiddlu u hu chien laħak ŭieħed minn daŭc li chienu kiegħdin imixxu Franza ried li jakbad lil Maddalena taħt difrejh. Mar biex jarrestaha iżda Chenier kabeż għaliha u f'takbida fiera lil Gerard seŭŭa.

F'it-tielet att jidher it-Tribunal ta'r-Rivoluzjoni; Chenier giè arrestat, u Gerard, biex iŭarrbu minn ma'r-riġlejn u jakbad taħt idejh lil Maddalena, jugża lil Chenier bħala traditur ta' pajjisu. Għalecc Chenier, ŭara li iddifenda ruħu chemm sata għalxejn, giè iccundannat għal meŭt! Maddalena iċċanfar lil Gerard talli għamel, igħidilha li cull ma għamel għamlu mħabba fiha u hi iġgegħlu jmur isalva lil Chenier minn meŭt infami. Gerard jindem, imur jakbeż għal Chenier u jgħid li hu chien għżaħ għaliex chien jobogħdu, iżda għal xejn. It-Tribunal ma riedx bl-ebda mod ihassar is-sentenza kalila li chien ta contra l-innocenti Chenier.

F'ir-raba att naraŭ il ħabs fejn jinsab mitfuħ Chenier jistenna il ŭakt chiefer li icarcruh għal meŭt. Għadu ma sebaħx u Chenier kiegħed jicteb l-aħħar poeżiji ta' mħabba lejn Maddalena. F'dakka ŭaħda tiffaċċa Maddalena b'Gerard magħha u jiftehmu li dina Maddalena għandha tieħu il meŭt ma' Chenier għaliex ma tridx tgħix ŭarajh issa li l-imħabba tagħhom spiċċat għal dejjem. Għal meŭt, f'il ħabs, chien hemm mara oħra, Ida Legray. Maddalena u Gerard ixaħħmu lil calzrier biex iħalli lil Maddalena tmur għal meŭt f'loc Legray, dana jgħid iva u meta gie il carru li fuku chellhom jitilgħu l-iccundannati biex imorru għal meŭt, u bdeŭ isejjħu lil daŭc li chellhom jiġu maktula, malli għajjtu lil Legray marret Maddalena bla ma għarfuha, Chenier tala ucoll u fost il għageb u il għafsa ta' kalb ta' Gerard u il ferħa ta' Legray, Maddalena u Chenier, żeuġ vittimi ta'l ħruxija ta'r-Rivoluzjoni, ħadu il meŭt flimchien f'loc li flimchien gaŭdeŭ il hena ta' dic l-imħabba cbira li chienet rabtitilhom klubhom. Hecc spiċċaŭ Chenier u Maddalena imħabba f'il cħefrija ta' Gerard!

# Esperanto

Mela issa li nafu chif nagħmlu il plural, il femminil, l-aggettiv, l-infinit ta'l verb u l-avverbju u nafu ucoll x'inhu l-articolu, ħalli kabel ingħaddu xejn il kuddiem natu ftit tħarriġ ħalli ŭieħed jifhem ir-regoli li tajt ftit aħjar.

Biss kabel xejn irrid inżid regola oħra biex taraŭ chemm hu ħafif u sabieħ l-Esperanto.

F'il-lingŭi l-oħra ingħidu *bello, brutto; long, short*, u x'naf jien. Fl-Esperanto meta taf il positiv tagħmel malajr in-negativ billi iżżid dejjem il prefiss *mal*. Ingibu eżempju. *Bona* bl-esperanto tfisser *tajjeb;* ħażin hi *malbona*. *Alta* tfisser *għolja*, *malalta* tfisser *baxxa; longa* tŭila, *mallonga*, kasira. B'dana il mod tkassar in-nofs ta'l cliem li trid titgħallem.

Mela bl-esperanto tgħid:—

La mondo estas granda, sed (*iżda*) la teatro estas malgranda. La malgranda teatro estas bela, sed la malalta monumento estas malbela. La libroj estas belaj (għaliex l-aggettiv jakbel f'in-numru ma'n-nom dejjem) sed la floroj estas malbelaj. La patro (*missier*) estas juna (*żagħżuħ*) sed la patrino estas maljuna. La maljunaj patroj estas malbonaj kaj (*u*) la malbonaj patrinoj estas malbelaj. La fratoj de (*ta'l*) la studento estas junaj sed la fratinoj de la studentino estas tre (*ŭisk*) majunaj. La tempo estas longa kaj kuras (*jigri*) rapide (*b'il għaġla*). Rapide volas (*itir*) la malgranda birdo (*għasfur*) kaj malrapide kuras la maljuna patrino de la juna studentino. Ami (*tħobb*) estas bele; malami estas malbele. La belaj floroj (*fjuri*) de la malgranda domo (*dar*) de la maljuna onklino (*zija*) estas blankaj (*bojod*). Tre kara (*għażiż*) amiko, la libroj estas fidelaj amikoj aŭ (*jeŭ*) ofte (*spiss*) kruelaj (*chicfrin*) malamikoj. Esperanto estas tre bela kaj utila lingvo (*lingŭa*).

Akilbu għal malti dana it-tħarriġ. Min irid jibgħatli it-traduzjoni biex nara hix magħmula seŭŭa, basta jcun imsieħeb, merħba bih.

ħażin. Mìn jaf chemm il xebba haŭn li setgħhu jiżżeŭgu tfal tajba u b'il għakal u li tilfu xortihom imħabba f'il lussu ta' lbieshom għaliex daŭc iż-żgħażaħ katghu kalbhom minnhom?

Okogħdu mela f'ìl post li fih għoġbu ìkiegħidcom Alla; meta intom ta'l galbu. indaħ, bieżlin, ta'l ġabra u tħobbu lil żŭieġcom u l-uliedcom cull ħadd jistmacom għad li tcunu lebsin l-indjana u jcollcom ħavaman ta'l abjad.

Iżda jecc toħorġu barra m'il posizzjoni tagħcom, jecc tarmaŭ djarcom u tilbsu actar milli jixirkilcom, jecc titgħabbeŭ b'is-sefturi biex titgħażżnu, jecc tiċċappsu b'id-dejn biex tilbsu iż-żagarelli u iċ-ċoffi, idur b'rascom għaliex l-eŭŭel ŭieħed, li jħossoc tkila jcun żeŭgec, l-eŭŭel ŭieħed li jŭaġġa bi fruhitec icun żeŭgec, l-eŭŭel ŭieħed li jibda jdaħħal il flieles frasu għaż-żina żejjda tiegħec icun żeŭgec, u meta żeŭgec jibda jħoss il pis tiegħec tkil u jibda jara li cullma jakla jmur ma'r-rieh u jibda jaħseb ħażin fic ma jistax jingibed lejc u għalecc f'darec ma jista jcolloc hena katt.

Lucia Levanzin Inglott.

# FAVUR U CONTRA

*Minn Tas-Sliema.*
*Str: S. Paolo No 32.*
*19 ta Ottubru 1908.*

*Sur Levanzin,*
*Direttur tan-"NAHLA,"*

*Uara dac collu li chitbulec s'issa il Prof. N. Tagliaferro, it-Tabib G. Gulia, is-Sur G. Vassallo, Patri L. Caruana u forsi xi oħrajn ucoll, fuk in-"NAHLA,"ma nafx b'liema uiċċ irrid issa nictiblec jena ucoll, chif uegħidtec; billi, iżda, niftacar li dejjem igħejdu "Ir-ragel il chelma għandu" jena għalecc, nagħmel il kalb, u nictiblec chif jidhirli..*

*Mela jena ucoll nifraħlec tasseu u bil kalb talli għaraft bil curaġġ collu, tibda toħroġ gazzetta sabiħa u li fiha cull ma titlob u tixtiek kalbec. Ma ngħejdx li ma chellniex u li ma għandniex gazzetti oħra sbiħ u tajbin bil malti, iżda daun actarx chienu u kegħdin għal pulitica biss.*

*In-"NAHLA," iva, hia il gazzetta li chellna bżonn f'daun iż-żmenijiet f'idejn il maltin—l-actar iżda f'idejn dauc li ma jifhmux ħlief bil malti biss—Ngħejd li ma jifhmux, u m'hux li ma jakraux, għaliex cull Malti istruit u educat jaf jakra bil Malti ucoll, ghax hia tasseu csuħa uisk cbira, meta tisma il x'uħud mil Maltin istruiti, iżda Maltin sa kaddishom, igħedulec, ferħanin ferħanin, li ma jafux jakrau bil malti—Aħjar ma ngħejd xejn!...—Intant, ħallina minn dana, ħalli incomplilec fuk in-"NAHLA." Il gazzetta tiegħec, iva, hia il vera "NAHLA" Maltia li kegħda tati il għasel ħelu tat-tagħlim lil poplu. Compli chif bdejt, bħal ma kallec ħabibna, it-Tabib Gulia; kis li in-"NAHLA" tcompli tati il għasel biss u katt ix-xeuca, biex cullħadd iżommha f-daru bla biża ta xejn, u m'hux biss, iżda biex ucoll jeħu dejjem minnha il għasel ħelu tat-tagħlim.*

*In-nies li uegħduc li għandhom jictbulec fin-"NAHLA" barra minni, lì jena l-iċchen fosthom u l-iżjed dgħajjef huma tasseu nies li jistgħu, flimchien miegħec, icunu ta gid cbir lill poplu malti; collha nies li jinkalgħu sħiħ min għal ħaġa u min għal oħra ucoll.*

*Billi inti, ta veru ragel, stedint lill cullħadd biex jatic il fehma tiegħu fuk dac li jonkos jeu fiha żejjed in-"NAHLA" jena bħala ħabib antic tiegħec li jena, ngħejdlec li sa issa collox sibtu għoġobni, barra biss mil concors li ftaħt fuk is-sbuħija tan-nisa maltin. Cun af, Uistin kalbi, li daun il ħuejjeġ ma igħoddux għalina haun Malta, għaliex aħna żgħar uisk—Concorsi bħal daun inħalluhom għal l-"ANSWERS," "TIT BITS' u xi MAGAZINES tal Inghilterra—Compli, iva, b-concorsi oħrajn iżda lè fuk in-nisa, għax inehella in-nies tonfor—fimtni hux?*

*Mela jena għal-lum ma ngħejdlecx ħaġ oħra, biss nixtiek l'in-"NAHLA' ħajja tuila—għaliex, chif għedtlec, jecc għadec tiftacar, meta xhur ilu semmeitli li ridt tibda toħroġ din il gazzetta, iż-żmien hua mgħarrak, għax il biċċa il cbira tal ħaddiema maltin huma batuti, mħabba fil għacs cbir tax-xogħol —u għalecc ma tcunx tista issib in-numru ta msieħba li icun jixrak lil din il gazzetta—imma il maltin jafu jakrau x'jisuiehom, għalecc, jecc tcompli tgħallem u tagħmel il gid, in-numru ta li msieħba ma jonksocx u hecc tcun tista tcompli chif tasseu bil kalb jixtieklec*

*Habibec*

**V. Busuttil.**

★

# IL MAĦBUB TA' GESÙ.

F'il "Gazzetta di Malta" dehret dina l-ittra, li sejjer naklėb għal malti, mibgħuta m'il għaref Iskof ta' Għaŭdex, Monsinjur Camilleri, l's-sur Gużè Muscat-Azzopardi u li turi li dana il ctieb sabieħ li ħareġ m'hux biss għoġob lil poplu li dara jakra u jgħożż dac li jicteb dana il bravu chittieb malti, iżda li intgħoġob minn nies għorrief ucoll.

Għaŭdex, 12 ta' Novembru 1908.

Sinjur,

Nirringrazzjac b'kalbi collha ta'l copja li għoġboc bgħattli ta'l ctieb sabieħ tiegħec "Il Maħbub ta' Gesù."

Jiena bdejt nakrah u m'il ftit li krajt s'issa rajt li dana il ctieb sejjer jinkara minn cullħadd bi pjacir u ħrara cbira, tant għaliex hu mictub tajjeb chemm ucoll għaliex fih ħuejjeġ sbieħ x'takra u fuk collox għaliex min jakrah ma jonkosx li ma jagħmilx gid għal ruhu. Għaldakstant jien nifraħlec b'kalbi collha.

Irrid nirringrazzjac ucoll talli semmejt, biex tati gieħ, lil mibchi minn cullħadd, l-Imħallef Paŭlu Debono, li hu glorja għal Malta, u li il meritu tiegħu hu ogħla minn cull tifħir li nistgħu natuh.

F'il ħin li inselli għalic b'ir-rispett collu jiena hu il maħbub tiegħec f'Gesù Cristu

Fr. Giovanni M. Iskof.

★

Il "Malta Tagħna" kalet:

"Nirringrazzjau bill kalb l'is-Sur Gużè Muscat-Azzopardi ta'l copja li bagħtilna tal ctieb imsejjah: "Il Maħbub ta Gesù" cioè il ħajja ta San Ġŭann Evangelista. li katt ma ŭieħed jixba jakraha u itegħma.

Dan il ctieb li fih fuk 153 facciata, jagħmel unur cbir lill'autur tiegħu u bih compla cabbar il fama ta chittieb famus u ta studjus fl'istorja sacra antica u ġdida. Dan il ctieb jista jissejjah il għaxka ta'l cotba u icun dnub min ma jacquistaħx."

Il "Maħbub ta Gesù" jkum xelin u nofs biss, b'il ħajja u ir-ritratt ta'l aŭtur u bi stampa sabieħa "San Ġŭann Evangelista f'Patmos" u jinbieh fl'Ufficcju ta'n-"Naħla."

★

Ir-Risorgimento irringrazzja b'il kalb l'is-Sur Gużè Muscat-Azzopardi ta'l ctieb li bagħatlu : Il Mahbub ta' Gesu' u kal li is-Sur Muscat-Azzopardi hu ŭieħed m'il l-aħjar chittleba ta'l malti u li chiteb ħafna cotba sbieħ. Kal li dan il ctieb hu tant sabieh li jitma li da'l ŭakt jimbiehu il cotba collha li stampaŭ ruħhom. Faħħar ucoll ħafna ix-xogħol ta'l istampa ta' dana il ctieb li giè stampat għandi fl-Istamperija ta'n-"Naħla" u kal ucoll li dana ix-xogħol hu mżejjen b'ir-ritratt ta'l autur.

